MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1945/1998/1

**Onor. Dr. George Vella**

**Vs**

**Noel Grima**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenut Noel Grima editur tal-gurnal "The Malta Indipendent" fil-harga tal-istess gurnal tat-Tlieta, 29 ta' Settembru, 1998, ippubblika artikolu bil-firma tieghu fl-ewwel pagna u jkompli fil-pagna sitta tal-istess gurnal, intestat "*Surprise MLP nomination uncovers the 'new team*'" u bis- sub-titolu fis-sitt pagna "*Most candidates face defeat*", li fih allega fost ohrajn li l-istanti attakka

b’mod car hafna lid-Deputat Laburista Dr. Anglu Farrugia tant li prattikament sejjahlu traditur; kif ukoll li l-istanti ghandu intenzjoni li flimkien ma haddiehor jistawra renju ta’ terrur fil-Partit Laburista biex jitnehha jew jitkecca kull min juri li ma jaqbilx jew juri dubbju fit-tmexxija tal-mexxejja tal-istess partit. Il-konvenut ipingi lill-istanti bhala bniedem intolleranti, anti-demokratiku u stalinist.

Premess illi dawn l-allegazzjonijiet huma nfondati u ghal kollox inventati. L-istanti mhux veru li attakka jew sejjah lid-Deputat Laburista Dr. Anglu Farrugia traditur jew xi kliem iehor f’dan is-sens. Anqas ma hu veru li l-istanti ghandu xi hsieb li jistawra xi renju ta’ terrur fil-Partit Laburista bil-ghan li jitnehhew dawk li juru dubbji jew nuqqas ta’ qbil mal-mexxejja tal-partit.

Premess bl-istess artikolu l-konvenut taha malafama lill-istanti billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Premess illi barra l-gravita’ ta’ l-ingurja fiha nnifisha jidher car mill-mod kif gie msemmi l-istanti u mill-assjem ta’ l-artikolu, illi l-iskop tal-konvenut huwa li jaghmel hsara lill-istanti ftit jiem qabel il-vot ghal- Deputat Mexxej tal-Partit Laburista.

Premess illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjara illi l-istess konvenut taha malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li ghandu jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10** tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi in kwantu l-kitba tikkostitwixxi analizi politika bazata fuq diskorsi u kitbiet pubblici minn mexxejja u kelliema politici, din hija – u ghandha tkun – permissibbli f’socjeta’ demokratika.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbali a fol. 20 u 28;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONTESTAZZJONI**

L-attur issottometta li l-artikolu nkwistjoni huwa ngurjuz billi jaghmel diversi allegazzjonijiet infondati u malafamanti fil-konfront tieghu. L-artikolu jittratta dwar il-hatra ghall karigi ta’ zewg deputati mexxeja tal-Partit Laburista u jpingih bhala persuna intolleranti, anti-demokatriku u stalinist. L-artikolu kollu, fis-sustanza tieghu, jpingih bhala bniedem mhux demokratiku.

Skond l-attur, fl-artikolu inkriminat, il-konvenut assocjah ma linja ta’ biza u ntolleranza; li hu kien kontra d-dissens; li jelimina lil minn ma jaqbilx mieghu; li juza l-aghar mezzi stalinisti possibli “*the most stalinist modes thought possible*”; li hu, Dr. Sant u Manwel Cuschieri intenzjonati li jmexxu b’renju ta’ terrur (*reign of terror*) bil-ghan li jnehhu (*weeding*) kull min b’xi mod ma jaqblix maghhom.

Ghall attur, l-effett ta’ l-allegazzjonijiet inveritieri kien intiz biex jaghmlulu hsara fl-elezzjoni li kienet ser issir ghal kariga ta’ Deputat Mexxej. Inoltre hu kien ghadu kif spicca mill-kariga ta’ Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin, u fl-artikolu f’’gazzetta bl-Ingliz, gie mghajjar Stalinist, meta gazzetta simili tinqara minn barranin u minn ambaxxaturi li sa ftit granet qabel kienu jafuh bhala l-Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin.

Il-konvenut eccepixxa li l-kitba tikkostitwixxi analizi politika bazata fuq diskorsi u kitbiet pubblici minn mexxejja u kelliema politici, li hija u ghandha tkun permissibbli f’socjeta’ demokratika.

Il-konvenut spjega li hu kiteb l-artikolu dwar dibattitu li kien ghaddej u kien qed jidher f’gazzetti lokali ohra. Hu semma li l-attur kien gie rapportat fit-Times (ara fol. 39) li “*He (Dr. G. Vella) pledged that the purifying process within the party would continue to ensure that there were no traitors within the party*”.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur spjega li dak li deher fil gazzetta The Times tat-28 ta’ Settembru, 1998 - Dok a fol. 39 - mhux id-diskors li hu qal izda dak li rrapportat it-Times li hu qal u l-ahjar “*source*” ta’ dak li qal, hu t-*tape* tad-diskors tieghu. L-attur cahad li fid-diskors tieghu uza it-terminu “*cleansing process*” izda d-diskors tieghu kien fis-sens li wara t-trauma li kien ghadu kif ghadda minnha l-partit (telfa ta’ l-elezzjoni) kullhadd kien qed ighid li fil-partit hemm bzonn li *everybody tows the party line*. Li halli jkun hemm diskussjoni fuq gewwa, halli jkun hemm id-dissens, halli jkun hemm opinjonijiet differenti li huma tollerati f’partit demokratiku, pero’ imbaghad, barra, wiehed irid jimxi ma’ l-idea tal-partit. Ma jistax ikun li tittollera lil kulhadd jispara ‘l hawn u ‘l hemm (fol. 42). F’dan is-sens li hu semma tindif fil-partit.

Minn dan id-diskors u wara li hargu n-nominazzjonijiet ghal karigi ta’ Deputat Mexxej, il-konvenut pinga stampa

fejn ippreveda li bit *team* il-gdid, li kien jinkludi l-attur, kien gej xi *reign of terror*, *purge* stalinista u uzu ta' *iron fist*. Fl' artikolu tat-Times imsemmi, dawn it-termini ma ntuzawx.

L-attur accetta li ghandu jkun hemm kritika hielsa u skrutinju mill istampa izda qal li hemm il-limitu u ma jistax jaccetta min jattribwilu motivi ulterjuri u min appellativi bhal *iron grip, reign of terror* u Stalinist.

Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, "Il-liberta' ta' l-istampa ghandha dejjem tigi salvagwardata billi hija wiehed mill-ingredjenti fundamentali ta' kull socjeta' demokratika… izda b'daqshekk l-istampa ma nghatax ebda passaport ta' immunita', billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama" (Ara Vol LXXV111 p 2 p 383).

Illi l-kliem uzat fl-artikolu fil-konfront ta' l-attur bhal *iron grip, reign of terror* u stalinist huma malafamanti. Dan mhux kaz ta' semplici kumment politiku izda attribuzzjoni ta' motivi u ghanijiet ulterjuri b'appellativi dispreggjattivi.

Intqal fid-decizjoni 'Il-Pulizija vs Rocco Abdilla et' App Kriminali 28 ta' April, 1962 "Appena hemm bzonn jigi rilevat li l-paragun ma' "*any odious, disreputable or contemptible person*" hu libelluz, ara Gately pag 30: *It is libelous to compare a person's character with that of any odious, disreputable or contemptible persons…* (Bennet vs Australian Newspaper Co.) (Ara App Dr. A. Sant vs J. Mikallef 10/1/2003). "*It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant conduct…*" Gatley page 42 9th Edition.) Ghalhekk li tqabbel agir ta' persuna bhala stalinist u li dan ser igib *reign of terror* jimplika li ser ikun hemm qtugh ta' irjus u qtil bil-miljuni ta' nies, li l-Qorti ma timmaginax li kien dak li kellhu f'mohhu l-persuna ndikata mill-konvenut fl-artikolu tieghu.

Il-konvenut irrefera ghal gazzetti minnu ezebiti a fol. 39 u 40 u qal li l-attur fid-diskors tieghu kien qed jaghmel riferenza cara ghal Dr. Angelo Farrugia li kien hareg in

kontestazzjoni mieghu ghal mili tas-sit vakanti ta’ Deputat Mexxej. Hu rrefera specifikatament ghal parti fejn jinghad li “*the cleansing process must continue so that we will really have a party without traitors*”.

L-attur cahad li qatt ghajjar lil Dr. Angelo Farrugia bhala “traditur”. Fil-fatt fil-kawza xehed Dr. Angelo Farrugia li qal li hu kien prezenti ghal *meeting* u fl-ebda hin ma hadha li Dr. G. Vella kien qed jirreferi ghalih bhala traditur. (Dr. G. Vella xehed ghal min kien qed jirreferi bhala traditur meta tilfu l-elezzjoni, u l-artikolu citat jaghmel riferenza ghal dina l-persuna). Dr. Farrugia qal li zgur li kieku hadha li kien qed ighid ghalih kien jiehu l-passi opportuni. Jirrizulta li mkien f’dana l-artikolu ma jissemma li Dr. Farrugia kien traditur.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut taha malafama lill-attur bl-artikolu fuq imsemmi.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, u minhabba l-gravita’ ta’ l-allegazzjonijiet serji kontenuti fl-istess artikolu, u tenut kont li tali allegazzjonijiet saru lejliet elezzjoni ghal kariga ta’ Deputat Mexxej tal-Partit Laburista u kontra ex ministru, l-Qorti tillkiwda u tiffissa d-danni fl-ammont ta’ Lm1,500.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara illi l-konvenut taha malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;
tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------